MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Numru. 955/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Charles Spiteri**

**Catherine Spiteri**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Hamis 4 ta' Dicembru, 2014**

**Kumpilazzjoni Numru: 955/2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Charles Spiteri detentur tal-karta ta' l-identita' numru 2074(M) u Catherine Spiteri detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 518265(M):

1. U akkuzati talli bejn it-8.00 ta' filghaxija tal-gurnata tat-30 ta' Awwissu, 2014 u 9.00 ta' filghodu ta' l-01 ta' Settembru 2014 gewwa l-lokalita' tar-Rabat, Malta, ikkommettew serq ta' 'airconditioner set', 'tablet' u oggetti ohra minn gewwa residenza privat ghad-dannu ta' Hadrian Agius u/jew ta' persuna jew persuni ohra w liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok;

Lil Charles Spiteri wahdu akkuzat talli:

2. fl-01 ta' Ottubru, 2014 bejn il-hin tas-1.00 u t-3.00 ta' wara nofsinhar, minn gewwa garaxx sitwat fil-lokalita' tar-Rabat, Malta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-detriment ta' John Camilleri u/jew ta' persuna jew persuni ohra w liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok;

3. u aktar talli fl-istess dati w cirkostanzi msemmija hawn fuq kiser il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fis-27 ta' Frar, 2013 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magt. Dr Saviour Demicoli LLD.), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. u finalment talli fl-istess perjodu taz-zmien u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien instab hati ta' diversi reati b'sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin u li liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

U finalment akkuzati talli:-

5. fl-istess perjodu ta' zmien, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk saru f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghulhom jew imexxuhom u li liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta' ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014 l-imputati irregistraw ammissjoni u wara li l-Qorti tathom zmien biex jirrikunsidraw il-posizzjoni tieghu kkonfermaw l-istess ammissjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-hames akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza fil-konfront taz-zewg imputati u hija alternattiva ghat-tieni akkuza fil-konfront ta' Charles Spiteri.

Illi dwar il-piena inkwantu ghal Catherine Spiteri din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali taghha li hija netta.

Illi dwar il-piena inkwantu ghal Charles Spiteri din il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tieghu, il-fatt li parti mir-refurtiva giet ritornata, il-fatt ukoll li huwa ghandu vizzju tad-droga u minn dak li semghet mill-Probation Officer Carmen Nygaard l-imputat qieghed jaghmel hiltu biex jehles minn dan il-vizzju u dan bl-ghajnuna tal-familja tieghu u tal-professjonisti. Ghalhekk piena karcerarja effettiva mhix wahda idonea.

Ghalhekk il-Qorti tqis li hija ghandha timponi probation ghar-reati odjerni u li ma titrattax ma' l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati

fis-27 ta' Frar 2013. In vista ta' dan ikun opportun li waqt il-perjodu ta' probation l-imputat jigi indirizzat kif l-ahjar jista' jeghleb dan il-vizzju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269(g), 278(1)(3), 279(a), 280(2), 334, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames imputazzjoni fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront taghhom u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lil Catherine Spiteri bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien sitt xhur u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggi lil Charles Spiteri taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment. Ghar-ragunijiet fuq espressi taghzel li ma titrattax ma' l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fis-27 ta' Frar 2013.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Ufficcju tad-Direttur tal-Probation. Billi l-imputat huwa diga' segwit mill-Probation Officer Carmen Nygaard tirrakomanda lid-Direttur sabiex possibilment dan il-kaz jigi assenjat lill-istess Probation Officer.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------